# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2016/446

**tat-23 ta' Marzu 2016**

**li temenda u testendi d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/34/PESK dwar missjoni militari tal-Unjoni Ewropea biex tikkontribwixxi għat-taħriġ tal-Forzi Armati tal-Mali (EUTM Mali)**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u b'mod partikolari l-Artikolu 28, l-Artikolu 42(4) u l-Artikolu 43(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fis-17 ta' Jannar 2013, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2013/34/PESK ([1]) dwar missjoni militari tal-Unjoni Ewropea biex tikkontribwixxi għat-taħriġ tal-Forzi Armati tal-Mali (EUTM Mali).

(2) Fit-18 ta' Frar 2013, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2013/87/PESK ([2]) dwar il-bidu tal-EUTM Mali.

(3) Wara l-Analiżi Strateġika, il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà rrakkomanda li l-mandat tal-EUTM Mali jiġi adattat u estiż b'perijodu ta' sentejn, sat-18 ta' Mejju 2018.

(4) Jeħtieġ ukoll li jiġi stabbilit l-ammont ta' referenza finanzjarja maħsub biex ikopri l-ispejjeż marbutin mal-EUTM Mali għall-perijodu mid-19 ta' Mejju 2016 sat-18 ta' Mejju 2018.

(5) Id-Deċiżjoni 2013/34/PESK għandha tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/34/PESK hija emendata kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 1, il-paragrafi 1 u 2 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"1. L-Unjoni għandha twettaq missjoni ta' taħriġ militari, (EUTM Mali), biex tipprovdi, fil-Mali, konsulenza militari u ta' taħriġ lill-Forzi Armati tal-Mali (FAM) li joperaw taħt il-kontroll ta' awtoritajiet ċivili leġittimi, sabiex isir kontribut lejn ir-restawr tal-kapaċità militari tagħhom bil-għan li jkunu jistgħu iwettqu operazzjonijiet militari immirati lejn ir-restawr tal-integrità territorjali tal-Mali u jnaqqsu t-theddida ppreżentata minn gruppi terroristiċi. L-EUTM Mali ma għandiex tkun involuta f'operazzjonijiet ta' kumbattiment. L-azzjonijiet tagħha għandhom jestendu sal-Liwja tax-xmara Niger, inklużi l-muniċipalitajiet ta' Gao u Timbuktu.

2. L-objettiv tal-EUTM Mali għandu jkun ir-rispons għall-ħtiġijiet operattivi tal-FAM billi jingħata:

(a) appoġġ għat-taħriġ għall-benefiċċju tal-FAM;

([1]) Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/34/PESK tas-17 ta' Jannar 2013 dwar missjoni militari tal-Unjoni Ewropea biex tikkontribwixxi għat-taħriġ tal-Forzi Armati ta' Mali (EUTM Mali) (ĠU L 14, 18.1.2013, p. 19).

([2]) Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/87/PESK tat-18 ta' Frar 2013 dwar il-bidu ta' missjoni militari tal-Unjoni Ewropea biex tikkontribwixxi għat-taħriġ tal-Forzi Armati ta' Mali (EUTM Mali) (ĠU L 46, 19.2.2013, p. 27).

(b) taħriġ u konsulenza dwar il-kmand u l-kontroll, il-katina loġistika u r-riżorsi umani, kif ukoll taħriġ dwar id-Dritt Umanitarju Internazzjonali, il-protezzjoni taċ-ċivili u d-drittijiet tal-bniedem;

(c) kontribut, fuq talba mill-Mali u b'koordinazzjoni ma' MINUSMA, lill-proċess ta' Diżarm, Demobilizzazzjoni u Reintegrazzjoni ddefinit mill-Ftehim ta' Paċi, permezz tal-għoti ta' sessjonijiet ta' taħriġ sabiex tiġi ffaċilitata r-rikostituzzjoni ta' Forzi Armati tal-Mali inklużivi;

(d) appoġġ għall-proċess ta' Saħel tal-G5, fi ħdan l-attivitajiet tal-EUTM Mali b'appoġġ għall-FAM, billi jingħata kontribut lit-tisħiħ tal-koordinazzjoni u l-interoperabbiltà mal-forzi armati nazzjonali tal-G5."

(2) Fl-Artikolu 10, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. L-ammont ta' referenza finanzjarja għall-ispejjeż komuni tal-EUTM Mali għall-perijodu mid-19 ta' Mejju 2016 sat-18 ta' Mejju 2018 għandu jkun ta' EUR 33 400 000. Il-perċentwal tal-ammont ta' referenza msemmi fl-Artikolu 25(1) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/528 (*) għandu jkun 60 % u l-perċentwal għall-impenn imsemmi fl-Artikolu 34(3) ta' dik id-Deċiżjoni għandu jkun 10 %.

(*) Deċiżjoni tal-kunsill (PESK) 2015/528 tas-27 ta' Marzu 2015 li tistabbilixxi mekkaniżmu sabiex jiġi amministrat il-finanzjament tal-ispejjeż komuni tal- operazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea li jkollhom implikazzjonijiet militari jew ta' difiża (Athena) u li tħassar id-Deċiżjoni 2011/871/PESK (ĠU L 84, 28.3.2015, p. 39)."

(3) Fl-Artikolu 12, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Il-mandat tal-EUTM Mali għandu jintemm fit-18 ta' Mejju 2018.".

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Marzu 2016.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

A.G. KOENDERS